MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 252/2013

**AB**
**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-esponenti izzewget lill-intimat permezz ta' cerimonja religjuza fil-15 ta' Awissu, 2002 ;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjuoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Reuben Debono fit-23 t'Awissu, 2007 (vide kopja annessa u mmarkata bhala Dok A) ;
3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla H B li ghandha l-eta ta' ghaxar (10) snin u il-partijiet lahqu kull ftehim mehtieg rigwardanti il-kura u kustodja, access u

manteniment u m'ghandhom ebda kwistjonijiet pendenti t'ebda natura bejniethom ;
4. Illi ghaddew iktar minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ta' rikkonciljazzjoni bejn il-partijiet ;
5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet ;

Talbet ghal dawn il-motivi li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Roderick Schembri hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Mejju, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Awissu 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------